MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 112/2005

**Massimo Sciortino**

**Vs**

**Charles Xuereb et.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li ddikjara li:-

i) Robert Xuereb kien qed isuq il-karozza ta' missieru Charles Xuereb (numru ta' Registrazzjoni EAO 918),meta kellu l-hsara fil-karozza tieghu b'numru ta' registrazzjoni BBH 462 waqaf fil-genb.

ii) Robert Xuereb habat go l-attur minn wara, skopra li ma kienx assikurat u avvicinah diversi drabi biex jilhqu ftehim.

iii) Il-konvenut dejjem wieghed li ser ihallas, izda qatt ma ghamel xi forma ta' hlas ghad-danni li ghamillu.

iv) Il-konvenut ukoll qed jirrifjuta li jhallas il-kont tal-karozza u l-attur kellu bzonn jikri biex ilahhaq max-xoghol u l-qadi tieghu.

v) L-attur ighid li lanqas Charles Xuereb ma resaq lejh biex ihallsu tad-danni.

L-attur talab lill-konvenuti l-hlas tad-danni kollha li rrizultaw b’konsegwenza tat-traskuragni fis-sewqan ta’ Robert Xuereb u l-hlas tal-kont tal-karozza tal-kiri.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li

(i) t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress illi l-incident mertu tal-avviz odjern sehh unikament minhabba illi l-attur saq b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku

(ii) illi, minghajr pregudizzju, t-talbiet ghad-danni huma ezagerati.

(iii) illi l-konvenut Charles Xuereb qatt ma kien involut fl-incident de quo u huwa biss sid il-vettura misjuqa minn Robert Xuereb.

(iv) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Marsha Faure’ li tghid li waqt li kienu fi triqthom lejn l-Armier, il-vettura li kien qed isuq il-boyfriend taghha sahhnet u l-attur kellu jieqaf. L-attur ipparkja fil-genb kemm felah fuq ix-xellug hdejn il-karozzi diga’ parkjati.

Ix-xhud tghid li qabel ma nizlet biex tixtri l-ilma biex iferrghu fir-radiator, xeghelet il-hazard lights. Peress illi marret tixtri l-ilma minn gabbana faccata, semghet l-incident isehh u sakemm imxiet fit-triq rat lill-attur barra mill-karozza u indunat li kien hemm daqqa fuq in-naha ta’ wara tal-karozza fuq il-lemin u ndunat ukoll li l-mudguard tal-lemin kellu l-hsara.

Ix-xhud tispjega illi rat iz-zewg vetturi mwahhlin ma' xulxin u qabel ma qassmet it-triq rat lil Robert Xuereb diehel fil-karozza tieghu.

Wara li qassmet it-triq, tghid li indunat li Robert Xuereb kien ressaq il-karozza tieghu lura u l-ispazju li kien hemm bejn il-vetturi kien wiesgha bizzejjed biex dahhal il-mutur il-warden u sahansitra kienu tkellmu f'din il-wiesgha, hi, missierha, l-attur, Robert Xuereb u l-warden.

Ix-xhud tistqarr illi f'hin minnhom dan Xuereb kien beda jakkuzahom illi kien biss issa li kienu xeghelu l-*hazard lights* u qal ukoll illi ma kienx ra l-vettura tal-attur.

Ra x-xhieda ta' Philip Sciortino li huwa missier l-attur u dan jispjega kif wara l-incident kien mar jitkellem mal-assikurazzjoni ta' ibnu, izda dawn infurmawh li ma kienux ser jifthu claim u li kellu jitkellem mal-assikurazzjoni tal-konvenut, Fogg Insurance Agency Limited. Hekk ghamel u dawn kienu infurmawh li ma kienux ser ihallsu peress li s-sewwieq Robert Xuereb ma kienx kopert b'polza.

L-istess xhud ikompli jispjega illi kien cempel lil dan Robert u saqsieh x'kien bi hsiebu jaghmel peress li ma kienx f'sitwazzjoni felici minhabba li kien bla polza ta' assikurazzjoni u seta' jehel multa u sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan. Qallu ukoll li kien ser ifittxu bil-Qorti. Kif sema' hekk mill-ewwel cempel lura u nsista li kellhom jippruvaw jirrangaw u insista li jiehu l-karozza ghat-tiswija ghand haddiema li jafhom hu u li kien ser isewwi l-hsara kollha bi Lm300.

Wara hafna insistenzi, dan Xuereb kien accetta li jiehu l-vettura ghat-tiswija ghand haddiema mqabbda mill-attur. Dan tal-ahhar kien tah id-dettalji kollha, izda ma kienx jaf jekk kienx mar.

Fl-ahhar, jispjega ix-xhud intlahaq ftehim billi Xuereb accetta li jhallas il-hsara kollha, izda ma kienx ser ihallas lill-attur kollox f'salt, izda kellu jhallas fuq darbtejn.

Darba kellhom jiltaqghu hdejn ic-cimiterju ta’ Burmarrad ghall-habta tat-8.00 pm, izda dan Xuereb ma kienx mar. Ix-xhud jispjega illi kien cempel lil Xuereb xi erba’ darbiet, izda kien qed jevitah u ghalhekk ha l-passi bl-avukat.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li kienu fi triqithom lejn l-Armier, meta l-magna tal-karozza tieghu sahnet u waqaf. Pero’, billi l-vettura kienet wieqfa ma setax isuq, izda resaq kemm seta’ mal-karozzi li kien hemm ipparkjati mal-hajt fuq ix-xellug tieghu. It-tfajla xeghlet it-traffic lights sakemm ipparkjat meta fil-fatt ipparkja, kien ghamel “*double parking*.”

L-attur jispjega illi sakemm it-tfajla tieghu marret tixtri l-ilma biex iferrghu go r-radiatior, hu qaghad go l-karozza, meta habat go fih Robert Xuereb. Ix-xhud ikompli ighid li dan Xuereb mal-habta, nizel mill-vettura u beda jghajjat u jidghi mal-attur u qallu li kien ipparkjat hazin u ma kellux hazard lights mixghulin. L-attur jkompli jispjega illi Xuereb kien qallu li bdiet tross mieghu xi karozza u minhabba f’hekk ma kienx ra l-vettura tal-attur u lanqas ma lahaq iwaqqaf il-karozza tieghu.

L-attur jispjega ukoll illi sakemm gie il-gwardjan lokali, Xuereb kien ressaq il-vettura. L-attur jkompli jghid li l-ghada tal-incident kien mar, flimkien ma’ missieru ghand l-assikurazzjoni tal-konvenut, flimkien ma’ Robert Xuereb. Kien hawn li sar jaf li l-vettura tal-konvenut ma kellhiex polza ta’ assikurazzjoni.

L-attur jikkonferma li kien intlahaq ftehim mal-konvenut u li kellu jaqsam il-pagamenti, fuq darbtejn, izda qatt ma hallas. Imbaghad kien hawn li l-attur iddecieda li jipprocedi gudizzjarjament.

In kontro-ezami, l-attur jikkonferma li ma setax jipparkja l-karozza tieghu, hlief kif ghamel u cioe’ *double parking*. Ighid li a bazi tal-iskizz il-vettura kienet aktar ‘l quddiem ghax kien fit-telgha Peress li kien fuq emergenza, pprova jieqaf bejn zewg vetturi, izda ma rnexxielux.

Warden G267 Samuel Micallefipprezenta u kkonferma r-rapport u l-iskizz mhejjija minnu.

Ra x-xhieda ta' Robert Xuereb li jispjega li dakinhar tal-incident kien gej mill-Mellieha fid-direzzjoni tac-Cirkewwa u kien qed isuq fuq il-karreggjata ta' gewwa (mhux fuq in-naha tal-bahar), meta fil-kisra sab karozza ma' wiccu u baqa' diehel go fiha.

Ix-xhud ighid li l-vettura li dahal go fiha kienet f'*double parking* u minghajr *hazard lights* mixghulin u kien fil-karreggjata minn fejn suppost ighaddu l-karozzi.. Jikkonferma dak kollu li qal lil warden u jerga' jikkonferma li l-incident kien inevitabbli minhabba li ma setax jaqbez ghaliex kien hemm karozza fil-genb tieghu.

Il-bend kienet "sharp" u kienet b'tali mod li meta ddur ma stajtx tara x'ser isib warajha.

Ix-xhud jikkonferma l-iskizz u l-posizzjoni tal-vetturi, hlief ghat-triq ghaliex l-iskizz ma jindikax li hemm liwja.

Ix-xhud jkompli jispjega li hu kien sejjer jigbor lill-missieru biex jiehdu l-isptar u kien qabad karozza li ma kienitx inxurjata over 25, meta hu kellu taht 25 sena. Sakemm gie l-warden kienu ftehmu li jekk jirrizulta li kien tort tieghu kien dispost li jaghmel it-tiswijiet bil-patt li kienu joghgbu lill-attur u dan minhabba li l-insurance ma kienitx ser tkomprih.

Minkejja dan ighid li kien gharraf lill-attur li kien qieghed *f'double parking.* Jispjega illi l-attur kien qabad u ghamel it-tiswijet wahdu u baghtlu l-kont, flimkien ma' kont iehor tal-kiri ta' karozza sakemm saru t-tiswijiet.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra

Il-mertu tal-kaz jinvolvi incident tat-traffiku partikolari li sehh il-Mellieha hdejn il-bahar. Il-vettura tal-attur kellha l-hsara u waqfet, B'hekk l-attur stess irnexxielu jersaq

mal-genb vicin tal-vetturi pparkjati. Kien f'dan il-mument li l-konvenut, li donnu kien mghaggel minhabba li kellu jigbor lill-missieru biex jiehdu l-isptar urgentement, li kien nizel lejn il-Mellieha fuq il-karreggjata ta' gewwa u mal-liwja, li kienet pjuttost "sharp," tant li ma setax jara x'kien hemm wara, sab il-vettura tal-attur ma wiccu. Kien inevitabbli li jsehh l-incident ghaliex l-konvenut ma setax jevita l-vettura tal-attur aktar u aktar meta kien hemm karozzi pparkjati mal-genb tal-karreggjata, kif ukoll minhabba li kien hemm "double parking" tal-attur.

Huwa minnu li l-attur jittenta jitfa' r-responsabbilita' tal-incident fuq l-konvenut minhabba li jallega li kien sar ftehim bejnu u bejn l-konvenut li kien dispost ihallas il-hsara u dan minhabba li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Gara illi l-konvenut qatt ma hallas.

Il-konvenut minn naha tieghu jispjega li kien ha l-ewwel karozza li sab minhabba li kellu jmur jigri ghall-missieru u rrizulta li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Ighid ukoll li ma setax jevita l-vettura tal-attur anke jekk ried ghaliex kien qieghed ipparkjat b' "double parking" u ghalhekk meta semma' ftehim mal-attur ma jfissirx li kienx qed jacceta r-responsabbilita' tal-incident, izda kien dispost li jhallas jekk rrizulta li kellu tort u dan minhabba li ma kienx kopert.

Il-kwistjoni hi li l-attur sa' certu punt ma setax' jaghmel mod iehor minhabba li l-vettura waqqfet hesrem u kellu jipparkja fil-vicinanzi ta' fejn waqaf. Incident li ma kienx fil-kontroll tieghu u li seta' jevitah kien jevitah.

Minn naha l-ohra, il-konvenut kien qed isuq vettura li ma kellhiex assikurazzjoni, pero' mill-fatti u l-provi migbura ma rrizultax li kien qed isuq b'mod traskurat, b'mod li jeccedi l-limiti ta' velocita'. Kien forsi negligenti meta saq karozza li ma kienitx tkoprih bl-assikurazzjoni, izda minhabba l-urgenza li jmur ghall-missier li kellu jmur l-isptar, din zgur kienet l-ahhar hsieb f'mohhu.

Madanakollu, fl-istatement li l-konvenut kien ta' lill-warden kien li kien rass wiehed waqt li kien qed jipprova

jevita il-vettura tal-attur baqa' diehel go fih, pero' kien hemm "double parking." Anke fix-xhieda tieghu, l-konvenut jikkonferma din il-verzjoni.

It-Tribunal huwa propens li jiddeciedi li l-incident sehh bir-responsabbilita' on parte ta'l-attur, li pparkja b'mod irregolari, minkejja li dan ma kienx fil-kontroll tieghu. It-Tribunal jhoss li ghandu jemmen lill-attur meta dan ighid li kienet waqqfet il-karozza tieghu u lanqas l-konvenut ma gab provi kontra.

Nofs ir-responsabbilita' tal-incident ghandu jiehdu l-konvenut u dan minhabba li saq b'non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u peress li kien ikkalkula hazin meta ttenta jevita vettura li kienet qed tross mieghu.

Dwar id-danni ma ngabu ebda provi konkreti f' xiex kienu jikkonsistu u x'kien l-ammont, L-istess jista; jinghad ghal dak li jirrigwarda l-kiri ta' karozza. Ma hemmx provi in sostenn ta' dan.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici in parte fis-sens li jzomm il-konvenut responsabbli ta' nofs l-incident, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in parte b'dana illi l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghal nofs l-incident.

Bl-ispejjes jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------